# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 5/2017

26 t’ April 2017

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40 Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Assenti b’ittra ta’ Apologija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Minuti:

5.1 Qari tal-ittri ta’ Apologiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier is-Sur Pietru Pawl Busuttil li minħabba problema ta’ saħħa ma kinx jiflaħ jattendi għal-laqgħa. Huwa ġie skużat.

5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

5.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

5.2.2 Rigward ref punt 4.3, is-Sindku qal li kien ser juri l-Kunsill il-pjanti ta' Triq il-Kuċċard.

5.2.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi issa l-ġita għal Sqallija kienet ser tagħmilha f'Ġunju.

5.2.4 Is-Sindku qal ukoll li kellu ritratti tal-karozza pparkjata l-Misraħ u li kien għaddihom lil pulizija sabiex javżawh sabiex ma jibqax jipparkja hemm. Is-Sindku qal illi forsi sabiex innaqqsu l-abbuż ta' parkjar il-Misrah forsi jkollna nagħmlu l-bollards. Pero' l-Viċi Sindku qal li għandna nibagħtu l-pulizijia fuq il-post għaliex din il-persuna dejjem l-istess ħin tipparkja.

5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku qal li kien qed iressaq l-aħħar pjanti li saru ta' kif għandha tiġi Triq il-Kuċċard. Huwa qal li skond proposta tiegħu kienet żdiedet Zebra Crossing viċin Triq San Gwann, minħabba t-tfal li jattendu l-iskola San Benedittu.

5.3.2 Is-Sindku ressaq ukoll proposta ta' kif ġejjin il-bandli l-ġodda ta' Ġnien 13 t'April. Dan kien disinn li għamlilna supplier tal-bandli. Is-Sindku qal ukoll li konna ser ninkludu bandli ghal tfal bi bzonnijiet specjali u bandli ghat-tfal bl-awtizmu. Dan sabiex il-bandi jkunu aċċessibli għal kulħadd.

17.55pm Il-Kunillier is-Sur Carlo stivala ġie skużat u ħareġ mil-laqgħa.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet nistgħux inżidu jew funtana jew nixxiegħa tal-ilma pero' l-Kunsill ma qabilx minħabba l-problemi. Is-Sindku qal ukoll li ser inbiddlu l-arbli tad-dawl ukoll u li l-ispiża għal dawn il-bandli qiegħda dejjem tikber.

5.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.4.1 Il-Viċi Sindku qal illi qiegħed ikun hemm abbuż minn ċerti nies li joħorġu l-borża s-sewda t-Tnejn bejn id-9:00 pm u l-11:00 pm meta din tinġabar l-Erbgħa filgħodu. Il-Viċi Sindku żid illi din il-problema mhix qed tkun biss fi triq waħda iżda f'diversi toroq fosthom Triq San Ġorġ, Misraħ San Ġużepp, Triq iż-Żurrieq u Sqaq Ħannux. Huwa qal ukoll li għandna nibagħtu ittra personalizzata lil ċertu nies ta' kif jinġabar l-iskart tal-borża s-sewda. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Is-Sindku qal li jekk il-Vici Sindku jaf bl-ezatt fejn qed isiru dawn l-abbuzi, jista jghaddi d-dettalji lis-segretarja biex jibdew jintbaghtu dawn l-ittri personalizzati.

.5 Rapporti

5.5.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2016

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tressaq il-Financial Statements tal-2016 għal approvazzjoni tal-Kunsill u li l-għada kellha tmur bihom għand l-Awdituri għaliex kellha deadline għal dakinhar. Il-Kunsill approva fil-Financial Statesments 2016

5.6 Items Oħra.

5.6.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li bħala parti minn proġett tal-KLŻ kienu ser jagħmlu it-tyres tal-karozzi użati mimlijin bil-fjuri/pjanti. Il-kunsilliera qalet illi l-Kunsill għandu jalloka post fejn ser ikunu jistgħu jitpoġġew dawn it-tyres u li l-ħsieb tagħha kien Gnien Dun Karm Vella.

5.6.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi fejn il-Convenience Shop xorta kien għad hemm il-problema tal-parkeġġ. Is-Sindku qal illi għalkemm ġieli ġew il-wardens f'ċerti ħinijiet dan ma kinx biżżejjed.

5.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jiddentifika post fejn ser jiġu allokati s-sitt siġriet li konna ser naqilgħu mill-bandli. Is-Sindku qal li dawn kienu siġar taż-żebbug u waħda jaħseb li hija tal-bżar u li fil-fehma tiegħu dawn għandhom jiġu rilokati f'Misraħ Ħlantun peress li hemm il-kameras. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi peress li konna rċivejna suġġeriment mingħand is-Sur Raymond Garniżi sabiex inħawlu siġar u pjanti f'dawn l-inħawi, hekk allura inkunu qed nolqtu żewġ għanijiet.

5.6.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li kienu kellmuha l-Coaches tal-futbol, Henry, Jeffrey u Joe Spiteri minħabba t-taxxa tal-Vat. Hija spjegat illi fuq miżura li kienet tħabbret xi sentejn ilu konna qed inħallsuhom fuq taxxa tal-Vat ta' 7.5%. Issa d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni kien qalilna illi t-taxxa ta' 7.5% jridu jħallsu minn huwa mpjegat u mhux fuq bażi ta' Self Employed. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi jkun ġust li dawn inħallsuhom lura din it-taxxa. Il-Kunsill qabel.

5.6.5 Id-Deputat Segretarju qalet li kienet irċiviet talba sabiex issir kompetizzjoni Vodafone Connect Challenge nhar il-Ġimgħa 19 ta' mejju 2017. Parti minn din il-kompetizzjoni għandha tkun fi Triq Carmelo Caruana li tagħti għal Ħal Far. Il-kunsill qabel li għandna naċċettaw li ssir din it-tellieqa

5.6.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll illi sabiex naplikaw għal isem tat-triq fl-area ta' Gawhar fejn joqgħod is-Sur Stephen Cassar kellha bżonn li l-Kunsill jiddeċiedi x'jixtieq li tkun jisimha t-triq. Il-Kunsill propona illi għandna naplikaw sabiex insemmu żewġ toroq, waħda mit-toroq għandha tkun B'Buġia Road u l-oħra Triq Gnien Sir Alexander Ball.

5.6.7 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien sabiex naraw kif nistgħu nirranġaw id-dawl tas-Sala tal-Kunsil. Huwa qal illi għal wattage li għadna bil-flood lights, dan mhux qed ikun effiċjenti biżżejjed u li għandna ħafna ħela. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi għandna nitolbu stima għal suffet bid-dwal *led* miegħu, u naraw ukoll kemm hija l-ispiza ta' *overhead projector*.

*5.6.8* Is-Sindku qal li rigward ċirkulari 9-2017 li tirrigwardja l-cultural funds, il-Kunsill għandu jaħdem

sabiex noħolqu proġett  sabieb inkunu nistgħu naplikaw għal dawn il-fondi u għandna naraw sabiex ma naħbtux ma festi ta' rħula oħra.

5.7 Jum Ħal Safi

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv saqsiet jekk il-kunsillier kellhomx xi suġġeriment xi jżidu fuq Jum Ħal Safi. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-unika prokupazzjoni kienet illi forsi m'attendewx biżżejjed nies. Is-Sindku qal li forsi l-aħjar illi waqt il-programm tal-Premju Onoreficenza kellna nistiednu t-tfal sabiex jieħdu sehem, għaliex b'hekk żgur li jattendu aktar nies.

5.8 Sejħa għall-*Ground Attendant*

Is-Sindku qal li kien avviċinah s-Sur Lee Seychell, għaliex peress li kien  ser ibiddel ix-xogħol fil-futur qarib ma kienx ser ikun possibbli aktar għalih li jibqa' jagħtina s-servizz bħala *Ground Attendant*. Is-Sindku qal illi s-Sur Lee Seychell lest li jibqa' sakemm aħna nsibu lil ħaddieħor. Il-Kunsill qabel illi għandna noħorġu sejħa għal *Ground Attendant* immedjatament.

5.9 Kunsiderazjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

5.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:35pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2017  fil-5:30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv